MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 248/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Bonello)**
**Vs**
**Carmel sive Charles Chircop**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fil-15 ta' Jannar, 2005 ghall-habta tal-4.00 p.m., gewwa l-ground Nazzjonali ta' Qali, limiti tar-Rabat, Malta, waqt il-partita bejn Pieta' Hotspurs u Msida St. Joseph, wera mgieba abbuziva billi :
1) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Nicholas Debattista, persuna nkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li huwa kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

2) uza forza abbuziva kontra Nicholas Debattista li kien linesman fl-imsemmija partita w ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Nicholas Debattista skond kif iccertifika Dr. Stephen Zammit M.D tal-Isptar San Luqa;
3) kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
4) huwa recidiv b'sentenzi moghtija fis-27 ta' Settembru, 1990 u l-10 ta' Marzu, 2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 t'Awissu, 2005, li biha, wara li rat ir-regolamenti 7 u 9 tal-A.L. 88 tal-1979, l-artikoli 31(1)(g), 49, 50, 52, 221(1) u (3)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel akkuza w minnha lliberatu, filwaqt li sabitu hati tal-akkuzi l-ohra kollha w ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' hames mitt liri Maltin (LM500) multa.
Bl-applikazzjoni tar-regolament 9(2) tal-A.L. 88 tal-1978 ipprojbiet lill-appellat milli jattendi f'xi ground tal-isports ghal perjodu ta' sena.
Finalment, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-appellat b'obbligazzjoni personali ta' mitt lira Maltin (LM100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Nicholas Debattista w li jzomm il-paci pubblika ma' kulhadd ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 t'Awissu, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi ssib htija fuq l-ewwel akkuza w tirrevoka l-liberazzjoni, tikkonferma s-sentenza ta' htija fuq l-akkuzi l-ohra w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe :- li l-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra li skond il-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta, ufficjal tinkludi *linesman* meta dan qed jagixxi bhala tali . Dan hu konfermat fl-appell Kriminali deciz fl-1 ta' Marzu, 1952 fl-ismijiet "The Police vs.Bombardier Henry Williams" . Ghalhekk**

**Nicholas Debattista kien ufficjal pubbliku u l-Ewwel Qorti interpretat hazin il-kuncett legali ta' ufficjal pubbliku meta qalet li *linesman* waqt il-qadi ta' doveri tieghu mhux ufficjal pubbliku. Ghalhekk l-akkuzat ma kellux jigi liberat fuq l-ewwel akkuza u kellu jinstab hati fuq l-akkuzi kollha.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-kwistjoni kollha quddiem din il-Qorti hija wahda ta' indoli purament legali u cioe' jekk "linesman" f' partita "football" hux persuna inkarikata minn servizz pubbliku ghall-fini tal-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali jinvoka d-dispozizzjonijiet tal-Kap.263 biex javalla t-tezi tieghu w ghamel riferenza ghas-sentenza ta' **Williams** fuq imsemmija.

**Ikkonsidrat ;**

**Li l-Kap 263 cioe' l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players (Att XIX tal-1976) hi ligi** specjali **li l-ghan taghha hu dak dikjarat fit-titolu tal-istess ligi. Dan l-Att johloq reat li *"ufficjal"* jikseb jew jiftiehem li jaccetta jew jikseb jew jipprova jikseb, minnghand xi persuna ohra, tkun min tkun, xi rigal jew kumpens biex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga dwar xi loghba jew sport li fih jew dwaru jkollu x' jaqsam jew biex juri jew jezercita favuri kontra xi persuna jew naha f' xi loghba jew sport, jew biex jinfluwenza t-tmexxija jew ir-rizultat ta' xi loghba jew sport. Hu reat ukoll li xi hadd joffri tali kumpens ghall-istess ghan li xi ufficjal. (Art. 3 (2) u (3) ).**

**L-artikolu 2 tal-istess Att jiddefinixxi il-kelma *"ufficjal"* (*"official"* fit-test Ingliz) bhala li inkludi "*referee, linesman, umpire, steward* jew xi persuna ohra li tidderigi , tmexxi jew tissorvelja xi loghba jew *sport*"**

Kjarament bir-regoli tal-interpretazzjoni wiehed ma jistax jiehu d-definizzjoni ta' *"ufficjal"* f' loghba jew sport f' din il-ligi specjali biex jestendiha li tapplika ghall-kuncett ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarikata skond il-ligi minn servizz pubbliku fis-sens ta' ligi generali bhal ma hu l-Kodici Kriminali. Kull ma taghmel din il-ligi hu li tiddefenixxi ufficjali sportiv ghall-fini ta' prevenzjoni ta' korruzzjoni u xejn aktar. Ghalhekk l-argument mibni fuq analogija ma din il-ligi specjali li qed jigbed l-appellant Avukat Generali ma jreggix.

**Illi ir-riferenza li saret ghas-sentenza ta'** Williams **umbaghad ukoll ma twassal imkien ghax f' dak il-kaz si trattava ta' prosekuzzjoni taht l-Ordinanza XXV tal-1946 u l-Avviz tal-Gvern nru. 337 tal-1940 u cioe' ta' reat identiku ghal dak kontemplat fl-artikolu 3 (3) tal-Kap.263 illum vigenti u kull ma gie konfermat mill-Qorti tal-Appell f' dik il-kawza kien li r-referee kien ufficjal <u>ghall-fini ta' dik l-Ordinanza</u>.**

**Ghalhekk l-aggravju tal-appellant in kwantu hu bazat biss fuq dawn iz-zewg argumenti huwa infondat u bla ebda bazi guridika.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti meta giet biex tiddeciedi fuq l-ewwel imputazzjoni w lliberat lill-appellat minnha w ma ssib assolutament xejn x' ticcensura fir-ragunament u konsiderazzjonijiet legali minnha maghmula. Illi kif ben tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, tenut kont tad-definizzjoni ta' l-frazi generali "ufficjal pubbliku" kontenuta fl-artikolu 92 tal-Kodici Kriminali, ma jistax jitqies li l-*linesman* f' loghba football hu persuna mahtura skond il-ligi sabiex jamministra xi parti tas-setgha esekuttiva tal-Gvern jew biex jesegwixxi xi**

**dmir iehor pubbliku impost mill-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv, kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra. Di fatti, rrizulta lill-ewwel Qorti li hu bhala *linesman* jigi appuntat u mahtur mill-Malta Football Association mill-lista tal-Malta Football Referees Association li taghha Nicholas Debattista kien membru. Ghalhekk l-Ewwel Qorti gustament iddecidiet li l-funzjoni ta' Debattista fil-partita fejn inqala' l-incident in kwistjoni ma tikkwalifikax bhala dik rikjesta fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali u cioe' ta' persuna inkarikata minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.**

**Kif jghid** ROBERTI **. para 395 :-**

*"La legge mira a garantire solamemte quel servizio che si deve direttamente per volere della legge o dei regolamenti di pubblica amministrazione, ance perche' qualunque altro non influisce da vicino pel mantenimento dell' ordine pubblico, e capace in consequenza non puo' divenire perche' tali reati da privati quali sarebbero di propria indole, degenerassero in reati contro le pubbliche amministazioni, che soli formano oggetto delle dispozizioni di questo titolo."*

**Ghal dawn il-motivi l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha, b' dana pero' li l-projbizzjoni tal-appellat milli jattendi xi ground tal-isports ghall-periodu ta' sena u l-periodu ta' sena li fih l-appellat gie marbut b' obbligazzjoni personali ta' Lm100 li ma jimmolestax lil Nicholas Debattista w li jzomm il-paci pubblika ma kullhadd, jibdew jiddekorru mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------